MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Numru. 349/2005

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
(Spettur Pierre Grech)

vs

Deborah Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, Deborah Farrugia ta' 23 sena, imwielda l-Pieta' fid-29 ta' Gunju, 1984 bint missier skonoxxut u Dorothy nee Farrugia, residenti 17, Triq San Mikiel, Valletta/ 63, Flat 7, West Street, Valletta u detentrici tal-

karta ta’ l-identita numru 346284(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fis-17 ta’ Ottubru, 2005 u matul ix-xhur ta’ qabel b’diversi azzjonijiet maghmula anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

a) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel skeda ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li tforni id-droga imsemmija minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-Regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

b) Kellha fl-pussess taghha id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kientix fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uza taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. liema

droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha.

c) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga imsemmija minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatturaw jew jofrnu d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

d) Kellha fl-pussess taghha id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uza taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha.

e) Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhla bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) W aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi ikkommettiet l-imsemmi rejati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqaw iz-zaghzagh, jew ir-rejat ikun jikkonsisti fil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil mara tqila, lil minuri jew lil persuna li tkun qed isegwi programm ta' kura jew ta rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi ai termini ta' l-artikolu 22 (2) sub inciz II tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi saqet il-vettura STW 001 mudell Opel Astra meta hi kellha il-licenzja tas-sewqan sospiza b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta);

h) U aktar talli saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr Lawrence Quintano LLD. ta' nhar il-15 ta' Settembru, 2005 u b'sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D. nhar is-16 ta' April, 2004.

F'kaz ta' htija il-Qorti mitluba titratta ma' l-imputata Deborah Farrugia talli kissret il-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti diversament preseduta f'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi w ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali (a folio 11 tal-process) taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jinstema u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata ghall-akkuzi kollha migjuba kontra taghha kif registrata in atti fis-seduta ta’ l-1 ta’ Frar, 2007.

Illi din il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ l-ammissjoni taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid jerga’ lura minn din l-ammissjoni izda hija baqghet tinsisti li tirregistra tali ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50 u 31 (1) (b) tal-Kap 9, l-Artikoli 8 (a) u 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Ewwel Skeda u r-4 u 6 Taqsima tal-istess Kap. 101 u r-Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939), tiddikjara li qed issib lill-imputata, Deborah Farrugia hatja ta’ l-akkuzi kollha kif minnha ammessi u tikkundannaha ghal prigunerija ta’ sebgha u ghoxrin xahar (27) li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputata ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz kif ukoll ghal multa ta’ elf liri Maltin (LM1,000) li bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas f’rati mensili ta’ hamsin liri Maltin (LM 50) fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat millum, b’dan pero’ li fin-nuqqas ta’ xi pagament wiehed, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ parti mill-multa, il-parti mhux imhallsa tinbidel f’jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (LM 5) mhux imhallsin.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-esebiti kollha konsistenti f’sustanzi/medicini perikoluzi u oggetti ohra relatati ma’ l-abbuz tad-droga, liema distruzzjoni ghandha ssir taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jaghmel process verbal dwar din id-distruzzjoni.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-hatja sabiex thallas l-ispejjes kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------